# PELLEGRINAĠĠ U TOUR KULTURALI FL-EĠITTU



26 TA' JANNAR SAL-4 TA' FRAR 2026

## PELLEGRINAĠĠ U TOUR KULTURALI FL-EĠITTU
## 26 TA' JANNAR SAL-4 TA' FRAR 2026

**L-Ewwel Jum:**
Titjira minn Malta għal Kajr, l-Eġittu via Istanbul - L-art tal-Fargħuni u l-Kopti. Wara li jitlestew il-formalitajiet tal-ajruport, nitilqu lejn il-Lukanda Sonesta Heliopolis.

**It-Tieni Jum:**
Ser nibdew it-tour tagħna bi żjara lit-Tlett Piramidi kbar u ikoniċi ta' Giża u lill-iSphinx. Ikun hemm l-opportunità li min irid ikun jista' jidħol ġewwa wieħed mill-piramidi jew igawdi rikba fuq ġemel (ħlas extra). Waqt it-tour nieklu f'ristorant lokali. Wara se nżuru l-Grand Egyptian Museum, li nfetaħ riċentament, fejn se naraw fost teżori oħrajn, l-artifatti famużi ta' Tutankhamun. Immorru lura l-lukanda għall-ikla ta' filgħaxija u ngħaddu l-lejl hemm.

**It-Tielet Jum:**
Wara l-kolazzjon, ikollna l-opportunità li nesploraw il-Kajr Kopt. L-ewwel waqfa tagħna tkun il-Hanging Church, l-aktar knisja Kopta magħrufa fil-Kajr. Se nżuru wkoll Abu Serga, wieħed mill-eqdem postijiet ta' qima Kristjana fl-Eġittu, u taħt din il-knisja, tinsab il-Kripta tal-Familja Mqaddsa, wieħed mill-postijiet fejn għexu l-Familja Mqaddsa matul iż-żmien tagħhom fl-Eġittu. Wara, se nżuru l-Knisja ta' San Ġorġ, fil-Monasteru tal-Patrijarkat Ortodoss Grieg, segwit mill-Mużew tal-Kopti, li fih l-eżempji l-aktar importanti tal-arti Kopta fid-dinja. Wara se nżuru s-Sinagoga ta' Ben Ezra, fejn kienet instabet kollezzjoni ta' manuskritti sagri u sekulari, il-Kairo Genizah (manuskritti bil-Lhudi, bil-Latin, bl-Aramajk, u bil-Ġudeo-Għarbi). Wara l-ikel f'ristorant lokali, nkomplu bi żjara lill-Mużew Nazzjonali taċ-Ċiviltà Eġizzjana, fejn insiru nafu dwar l-istorja rikka tal-Eġittu permezz tal-artifatti straordinarji li hemm. Imbagħad inżuru l-Knisja ta' Santa Marija - El Zeitoun. Niskopru s-sbuħija qaddisa tal-Knisja tal-Verġni Marija f'Zeitoun, fejn il-fidi u l-mirakli jiltaqgħu flimkien.

**Ir-Raba' Jum:**
Nitilqu mill-lukanda lejn l-ajruport tal-Kajr għal titjira ta' siegħa lejn Luxor. Mal-wasla, ser immorru abbord il-vapur għal Cruise fuq ix-xmara Nil. Wara l-ikel fuq il-vapur, inżuru t-Tempju ta' Karnak, kumpless enormi magħmul minn tlett tempji ddedikati lill-allat ta' Thebes. Wara nżuru t-tempju mill-isbaħ ta' Luxor, li fiż-żmien kien magħqud ma' Karnak, permezz ta' passaġġ bi statwi tal-isfinġijiet fuq il-ġnub. Ngħaddu l-lejl f'Luxor.

**Il-Ħames Jum:**
Illum, ser naqsmu lejn ix-xatt tal-punent tax-xmara Nil biex inżuru l-Wied tar-Rejiet u l-Wied tal-Irġejjen, kif ukoll nidħlu nżuru wieħed mill-oqbra. Wara, se nesploraw it-Tempju Mortwarju impressjonanti tal-Fargħuni mara, Hatshepsut. Fi triqtna lura, nieqfu biex nammiraw il-Kolossi ta' Memnon.

**Is-Sitt Jum:**
Il-vapur ser jitlaq lejn Edfu, fejn ser inżuru t-Tempju ta' Horus fuq karozzelli biż-żwiemel waqt li nesploraw il-kitbiet fuq il-ħajt dwar il-lingwa, il-mitoloġija u r-reliġjon. Waqt li nkomplu l-vjaġġ tagħna fuq ix-xmara Nil, wara nofs inhar ser nieqfu f'Kom Ombo, biex inżuru t-Tempju Ptolemajk, iddedikat lill-allat Sobek u Haroeris. Wara, il vapur ser ikompli jsalpa lejn Aswan.

**Is-Seba' Jum:**
Filgħodu kmieni, ser nitilqu bil-coach lejn Abu Simbel biex inżuru t-tempji straordinarji tal-Fargħun Ramses II u l-għażiża martu Nefertiti. Wara l-ikel ser inżuru d-Diga l- Għolja (ta' Aswan), l-Old Granite Quarries u l-Unfinished Obelisk u nkomplu l vjaġġ tagħna fuq dgħajsa għat-Tempju ta' Philae fuq il-gżira Agilkia.

**It-Tmien Jum:**
Wara l-kollazzjon, se mmorru fuq felucca, dgħajsa tal-qlugħ tradizzjonali eġizzjana, u nbaħħru madwar il-gżira pittoreska ta' Kitchener. Wara nagħmlu titjira nterna li teħodna lura l-Kajr u fil-lukanda Sonesta Heliopolis.

**ID-DISA' JUM:**
Dan il-jum huwa kollu kemm hu d-dedikat għaż-żjara lill-Monasteru ta' Sant'Anton il-Kbir, li jinsab fil-qalba tal-Muntanji tal-Baħar l-Aħmar, fid-Deżert tal-Lvant, fix-xlokk tal-Kajr. Huwa wieħed mill-monasteri l-aktar importanti fl-Eġittu, għax lagħab rwol ewlieni biex isawwar għad ta' istituzzjonijiet Kopti u fit-tixrid tal-monakeżmu. Fi triqitna nieqfu għal ikel f'restorant tradizzjonali tal-lokal. Meta nerġgħu lura l-Kajr, se nżuru l-Monasteru ta' San Xmun il-Konzatur - knisja sabiħa mħaffra fil-Muntanja Mokattam, magħrufa għall-atmosfera spiritwali qawwija tagħha u għall-arkitettura impressjonanti fl-għerien.

**L-GĦAXAR JUM:**
Wara l-kollazzjon, nitilqu lejn l-ajruport tal-Kajr, biex intiru lura lejn Malta via Istanbul.

## IL-PELLEGRINAĠĠ U T-TOUR

Prezz: €2,970
Single Supplement: €680

Il-prezz jinkludi fih:
- Il-pellegrinaġġ/tour/cruise fuq bażi full-board
- It-titjira interna
- L-insurance
- It-tips
- It-trasport, b'coach dejjem magħna
- Visa biex nidħlu l-Eġittu
- Patri Franġiskan Malti li jmexxi l-Pellegrinaġġ bħala Animatur Spiritwali

Kanċellazzjoni ta’ booking tintlaqa’ biss bil-miktub.
F’każ ta’ kanċellament dawn li ġejjien huma l-penali li jridu jitħallsu:

Żmien, qabel id-data tat-tluq li fih tingħata n-notifika ta’ kanċellament
29 ġurnata qabel - Id-depożitu
21 - 28 ġurnata - 50% tal-prezz tal-Pellegrinaġġ/Tour
14 - 20 ġurnata - 75% tal-prezz tal-Pellegrinaġġ/Tour
13-il ġurnata jew inqas - 100% tal-prezz tal-Pellegrinaġġ/Tour

Jekk ir-raġuni tal-kanċellament taqa’ taħt it-termini tal-assikurazzjoni, il-pellegrin ikun jista’ jitlob rifużjoni tal-penali, mingħand il-kumpanija tal-assikurazzjoni.

Għall-booking u dettalji dwar depożitu ta’ €500, ikkuntattja lil:

**KUMMISSARJAT TAL-ART IMQADDSA**
**8, Triq Santa Luċija,**
**Valletta VLT 1213**
**Tel: 21242254**
**Email:comaltart2023@gmail.com**

Ħin tal-Uffiċċju:

**Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8:30 sal-11:30**

* *Termini u kundizzjonijiet japplikaw*